# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2015**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 789/2015/LSO**

**Gertrude Cilia (KI: 0433273M), Maria Shirley Mifsud (KI: 0175166M), u Granville Ciantar (KI:0522385M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Gertrude Cilia, Maria Shirley Mifsud u Granville Ciantar datat 18 ta’ Awwissu 2015 fejn bil-gurament Gertude Cilia bil-gurament taghha ikkonfermat: -

Illi l-esponenti Gertrude Cilia, Maria Shirley Mifsud u Granville Ciatar huma lkoll ahwa wlied il-mejtin Joseph Ciantar u Margaret sive Marjorie xebba Gambin;

Illi l-esponenti dejjem jafu lid-defunta Margaret *sive* Marjorie b' kunjom xbubitha Gambin;

Illi Margaret *sive* Marjorie Ciantar ghaddiet ghal hajja ohra nhar il-11 ta' Awwissu 2015;

Illi meta l-esponenti accedew bil-karta tal-identita` ta' ommhom gewwa r-Registru Pubbliku sabiex jirregistraw il-mewt taghha gew informati illi ommhom kienet registrata bhala xebba Bondin, u mhux xebba Gambin;

Illi fil-fatt, il-mejta Margaret *sive* Marjorie Ciantar kienet tigi oht Eugenio Gambin, Albert Gambin, u Godfrey Gambin, bint Carmel Gambin u Mary xebba Portelli (Dok A);

Illi fil-fatt, fuq ic-certifikat taz-zwieg taghha ma’ Joseph Ciantar, omm l-esponenti Margaret, kienet registrata bhala Gambin (Dok B);

Illi anke fic-certifikat tat-twelid tal-esponenti, ommhom hija indikata bhala Margaret nee` Gambin (Dok C)

Illi fuq ic-certifikat tal-mewt ta' missier l-esponenti, Joseph Ciantar, martu u omm l-esponenti kienet registrata bhala Marjorie Ciantar xebba Gambin (Dok D);

IIIi l-istess jirrizulta mic-certifikat tal-mewt mahrug mill-Parrocca ta' San Guzepp il-Kalkara, u mill-permess tad-difna (Dok E);

Illi minn dan kollu jirrizulta bl-aktar mod ampju u car illi hemm zball fl-estratt tat-twelid ta' Margaret *sive* Marjorie Ciantar, bin-numru 5771 tas-sena 1944 (Dok F);

Illi fil-fatt Margaret *sive* Marjorie Ciantar kienet tigi bint Carmel Gambin u Maria xebba Portelli, u mhux Carmel Bondin;

Illi tali emenda u korrezzjoni ma hi ser tikkaguna ebda danni lil terzi persuni u dana *stante* illi c-certifikati kollha esebiti hlief dak tat-twelid taghha juru illi Margaret *sive* Marjorie Ciantar kienet bint Carmel Gambin u Maria xebba Portelli, u kulhadd kien jaf lid-defunta bhala xebba Gambin.

Illi l-esponenti qeghdin jitolbu illi jigi emendat u korrett l-estratt tat-twelid ta' ommhom Margaret *sive* Marjorie Ciantar, peress illi ma jistax johrog certifikat tal-mewt minhabba dan l-izball;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dispozizzjoni illi jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi:

1. Tordna illi l-estratt tat-twelid numru 5771 tas-sena 1944 jigi emendat fis-sens illi Margaret tigi indikata bhala bint Carmel Gambin, u mhux bint Carmel Bondin;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-imsemmija korrezzjoni fl-estratt tat-twelid numru 5771 tas-sena 1944.

Bl-ispejjez. L-intimat minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta’ Settembru 2015 (fol 27) fejn Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat dan li gej:

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax il-gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma l-eredi tad-*decujus* Margaret *sive* Marjorie Ciantar;

3. Illi ghal kull bon fini, l-esponenti tirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid ta' omm ir-rikorrenti, cioe` Margaret *sive* Marjorie Ciantar, ma hemm ebda kunjom imnizzel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f'Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u hamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Att tat-Twelid, ‘il ghaliex dak iz-zmien kien hemm il-prezunzjoni illi l-ulied fiz-zwieg kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom *ai termini* tal-Artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, kunjom il-missier fuq l-Att tat-Twelid ta' omm ir-rikorrenti tnizzel bhala 'Bondin';

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' omm ir-rikorrenti, cioe` Margaret *sive* Marjorie Ciantar, sabiex jigi emendat l-Att tat-Twelid taghha li jgib n-numru progressiv ta' hamest elef, seba' mija, wiehed u sebghin (5771) tas-sena elf, disa' mija, erbgha u erbghin (1944) sabiex omm ir-rikorrenti tigi indikata bhala bint Carmel 'Gambin', u mhux bint Carmel 'Bondin', salv pero` li r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-inkorrettezza u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi f'dak iz-zmien li gie registrat l-imsemmi Att ta' Twelid u cioe` s-sena elf, disa' mija, erbgha u erbghin (1944), ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u

kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant, l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jaffermaw il-veracita` tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni;

b. Illi d-dikjaranta fuq l-Att ta' Twelid *de quo* kienet certu Lorenza Portelli li fuq l-att iddikjarat li kienet assistiet ghat-twelid tat-tarbija u tat l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid, inkluz id-dettalji ta' missier omm ir-rikorrenti, u sahansitra ffirmat dan l-istess att bhala wiehed korrett. Illi ghaldaqstant mar-Registru Pubbliku, kunjom xbubit omm ir-rikorrenti huwa registrat bhala 'Bondin' ghaliex tnizzlu skont ma kienet iddikjarat din id-dikjaranta Lorenza Portelli;

5. Illi l-esponenti tirrileva illi huwa minnu li fuq l-Att taz-Zwieg ta' omm ir-rikorrenti, kunjomha jinsab indikat bhala 'Gambin', madanakollu jigi sottomess illi fis-sena li sar iz-zwieg ta' omm u missier ir-rikorrenti, ossia fis-sena elf, disa' mija, hamsa u sittin (1965), l-Atti taz-Zwieg kienu jsiru mill-knisja fejn kien isir iz-zwieg. Ghaldaqstant l-informazzjoni li tinsab registrata fir-Registru Pubbliku, hija skont l-informazzjoni mghoddija mill-Knisja fejn sar iz-zwieg bejn omm u missier ir-rikorrenti, li kien gie ccelebrat f'Vittoriosa, Malta, fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, hamsa u sittin (1965);

6. Illi l-esponenti tecepixxi li fuq l-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti, id-dettalji ta' ommhom tnizzlu skont ma ddikjara d-dikjarant fuq l-Atti tat-Twelid rispettivi. Fuq l-Atti tat-

Twelid ta' Gertrude Ciantar li jgib in-numru progressiv ta' erbat elef, tliet mija, tnejn u tletin (4332) tas-sena elf, disa' mija, tlieta u sebghin (1973) u dak ta' Granville Ciantar li jgib in-numru progressiv ta' hamest elef, mitejn, tlieta u ghoxrin (5223) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (1985) kienet omm ir-rikorrenti stess li kienet dikjaranta li ffirmat l-informazzjoni kontenuta bhala wahda korretta. Filwaqt li fuq l-Att tat-Twelid ta' Mary Shirly Ciantar li jgib in-numru progressiv ta' elf, seba' mija, wiehed u hamsin (1751) tas-sena elf, disa' mija, sitta u sittin (1966), kien missier ir-rikorrenti li kien dikjarant li ffirma l-informazzjoni kontenuta bhala wahda korretta. Illi fuq it-tliet Atti tat-Twelid rispettivi, kunjom xbubit l-omm huwa dejjem indikat bhala "Gambin";

7. Illi l-esponenti tindika li fuq l-Att tal-Mewt ta' missier ir-rikorrenti, id-dettalji inkluz isem u kunjom omm ir-rikorrenti, tnizzlu skont ma kien gie dikjarat mill-persuna li tat in-notifika tal-mewt, ossia Gertrude Cilia, fejn ukoll il-kunjom xbubit l-omm jidher "Gambin";

8. Illi l-esponenti tipprovdi li jekk jirrizulta li hemm zball fuq l-Att tat-Twelid tal-omm ir-rikorrenti, dan certament mhux b'nuqqas tal-esponenti. Izda jekk jirrizulta li hemm zball u r-rikorrenti jixtiequ li ssir korrezzjoni, kwalunkwe talba tar-rikorrenti kellha tkun fis-sens sabiex jigi korrett l-Att tat-Twelid u mhux l-Estratt tat-Twelid, u dan ghaliex id-dettalji li jinsabu fuq kwalsiasi estratt huma hekk kif jirrizultaw mill-Att tat-Twelid u ghalhekk korrezzjoni trid ta' bilfors tintalab li ssir fl-Att tat-Twelid;

9. Illi salv ghas-suespost, l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

10. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dr Louise-Anne Pulis, u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Dr Louise-Anne Pulisipprezentat kopja tat-testment *unica charta*, u tiddikjara li dan hu, u qed jigi accettat, bhala l-ahhar testment tal-konjugi Ciantar. B'hekk it-tieni eccezzjoni qed tigi sorvolata u Dr Borg mhix qed tinsisti aktar fuqha. Dr Pulis iddikjarat li ma kellhiex aktar provi f'dak l-istadju. Dr Borg iddikjarat li ma kellhiex aktar provi u strahet fuq ir-risposta taghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturi qed jaghmlu din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid ta' ommhom Margaret Ciantar, illum defunta, fis-sens illi Margaret Ciantar tigi ndikata bhala 'bint Carmel Gambin' u mhux 'bint Carmel Bondin'. Illi r-rikorrenti qed jitolbu din il-korrezzjoni peress li c-certifikati l-ohrajn taghha kollha juru li hi kienet bint Carmel Gambin u Maria xebba Portelli, u konsegwentement mhux jinhareg ic-certifikat tal-mewt.

Illi l-artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet ta' registrazzjoni ta' l-ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret fit-30 ta' Ottubru 2015 (fol 33) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Ir-rikorrenti xehdu b'affidavit u lkoll kienu unanimi fil-konferma li n-nannu matern kien kunjomu Gambin u mhux Bondin. Difatti dan jidher mic-certifikati tat-twelid taghhom u anke mic-certifikat taz-zwieg ta' ommhom, kollha esebiti in atti.

**Gertrude Cilia** xehdet ukoll li kien biss wara l-mewt ta' ommha, meta marru r-registru pubbliku biex jirregistraw il-

mewt taghha li ndunaw bl-izball fl-att tat-twelid ta' ommha Margaret.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata billi giet pprezentata kopja ta' testment *unica charta* u fol 36-37 tal-process, u gie dikjarat li dan hu l-ahhar testament tal-konjugi Ciantar, hekk kif jirrizulta mill-verbal (a fol 35), u b'hekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Jirrizulta li r-rikorrenti esebew certifikat tat-twelid ta' hu Margaret Ciantar (fol 4), certifikat taz-zwieg (fol 7) certifikat tal-mewt ta' Margaret Ciantar mahrug mill-Parrocca tal-Kalkara (fol12).

Illi fid-dawl tad-dokumenti u affidavits esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ippruvaw li ommhom kienet bint 'Carmel Gambin' u mhux bint 'Carmel Bondin'. It-talba taghhom hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Izda, wara li din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-eccezzjonijiet rimanenti, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid ta' omm ir-rikorrenti, *stante* li gie ppruvat li d-dettalji li tnizzlu fl-att tat-twelid in kwistjoni huma skont dawk dikjarati minn Lorenza Portelli li sahansitra ffirmat din id-dikjarazzjoni stess (fol 31). Ghalhekk, dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ir-rikorrenti talbu li jigi korrett l-estratt tat-twelid ta' ommhom defunta ghar-ragunijiet enuncjati hawn fuq. Jigi rilevat li kwalunkwe korrezzjoni trid issir fuq l-att tat-twelid u mhux fuq l-estratt tat-twelid, ghaliex id-dettalji li jinsabu fuq l-estratt huma hekk kif jirrizultaw mill-att tat-twelid. U l-ligi specifikament issemmi "att" u mhux estratt.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu impost fuq ir-rikorrenti billi ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' t-talba tar-rikorrenti u cioe`:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tordna illi l-att tat-twelid numru 5771 tas-sena 1944 jigi korrett fis-sens illi Margaret tigi indikata bhala bint Carmel Gambin, u mhux bint Carmel Bondin;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-imsemmija korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 5771 tas-sena 1944.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Dicembru 2015**